Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 36**

**Data:** L-Erbgħa, 18 ta' Diċembru 2024
**Ħin:** 18:00
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**36.1 Ittri ta' apoloġiji**

36.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzoparditalab li jkun skużat.

36.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżel bħala skużat.

36.1.3 Il-President kif kien maqbul fil-laqgħa preċidenti ressaq l-attendenza tal-Membri għal-laqgħat tal-Eżekutticv matul is-sena 2024. Kien innutat li Dr. Azzopardi kien skużat f' disa' laqgħat minn tnax għaldaqstant kif titlob il-liġi kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tinforma b' dan lill-Ministru.

**36.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 35**

36.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

36.2.5 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**36.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 37**

36.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev Paul Farrugia u H.E Clifford Galea Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-19 ta' Novembru 2024 u 18 ta' Diċembru 2024 li kienet tammonta għal €234,839.87.

**36.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 35**

| | |
|---|---|
| **36.4.1 INDIS** | Il-President semma li li sal-aħħar tas-sena dan il-ftehim għandu jkun iffirmat. |
| **36.4.2 ALL Digital Summit** | Il-President semma li rappreżentanti tal-ALL Digital kienu ġejjin Malta f' Jannar sabiex jaraw il-venu. |
| **36.4.3 CEMR** | Il-President semma li wara l-konferenza li l-Assoċjazzjoni attendiet għaliha ġewwa l-Ġermanja, l-AKL kienet mistiedna sabiex tissottometti l-interess sabiex Malta torganizza l-Kungress fis-sena 2026. |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**36.5 Komunikazzjoni mill-President**

Il-President semma li wara li kienet daħlet applikazzjoni waħda għall-post vakant fi skala 13 mis-sejħa interna, l-applikant ġie għall-intervista imma xtaq li ma jkompliex bil-proċess. Għaldaqstant is-sejħa għall-post vakant fi skala 13 ser tkun qed toħroġ għar-reġistranti mill-Jobsplus.
Semma li l-post fi skala 11 għadu vakant u qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet minn persuni intressati mill-pubbliku.

**36.5.1 Postijiet Vakanti fi– AKL**

Semma li għada għada għaddejja komunikazzjoni mad-Diviżjoni peress li l-permess għall-post vakant fi skala 7 li għalih l-Assoċjazzjoni kellha permess sentejn ilu issa d-Diviżjoni ma tridx toħroġ l-istess permess. Il-President semma li huwa ser jibqa' għaddej bil-komunikazzjoni peress li kif ir-Reġjuni li jirrappreżentaw massimu ta' 14-il Kunsill Lokali għandhom permess li jingaġġaw 6 Uffċjali Maniġerjali huwa inġust mal-Assoċjazzjoni u anki mal-ħaddiema tagħha li Assoċjazzjoni li tirrappreżenta 68 Kunsill mhux tingħata permess għal dan.

**36.5.2 Postijiet vakanti għall-Segretarju Eżekuttiv**

Il-President semma li kellu laqgħa mal-avukata Dr. Roslyn Borg sabiex tingħata direzzjoni informattova fuq trasferimenti li Segretarji Eżekuttivi qed jitolbu sabiex jiċaqilqu minn Kunsill għal ieħor mingħajr ma tkun għada fetħet sejħa. Semma li l-avukata ser tkun qed tassisti sabiex tifforma proposti għall-emendi legali għal din is-seitwazzjoni sabiex l-AKL tkun tista' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha sabiex tressaqhom 'l quddiem.

**36.5.3 ALL Digital Summit**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni irnexxilha iġġib fond ta' EUR12,000 mill-Ministeru għall-Afafrjiet Barranin u EUR5,000 mill-MTA sabiex ikopru parti mill-ispejjeż tas-Summit.

**36.5.4 Laqgħa tas-Sindki**

Il-President semma li l-attendenza għal-Laqgħa tas-Sindki ma kinitx dik mixtieqa imma irringrazzja lil dak l-40 Sindku li attendew għaliex id-diskussjoni kienet waħda produttiva. Semma li-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħejji rapport għal dak li kien diskuss sabiex ikun jista' jitressaq għall-attenzjoni tas-Segretarju Parlamentari u l-Ministru.

**36.5.5 Business English**

Il-President semma li ser ikun qed issir cohort ieħor ġewwa Għawdex.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**36.5.6 Ballu tal-Karnival**

Il-President semma li l-kwotazzjoni kollha inġabret u għaldaqstant wieħed għandu jikkunsidra issa jekk dan għandux issir. Is-Sur Jesmond Aquilina semma li m' għandux jingħata importanza aktar milli meħtieġa u m' għandux ikun extravaganti. Is-Sur Max Zammit semma li diġa kien hemm qbil li jsor għaldaqstant wieħed għandu jkompli bil preparamenti.

**36.5.7 Rapport tal-NAO għas-sena 2023**

Il-President semma li r-rapport ġie ppubblikat u għaldaqstant wieħed għandu jibda jagħti ħarsa bis-serjeta' lejn dawn ir-rimarki. Semma li l-messaġġ għandu wkoll jasal għand il-Parftiti Politiċi sabiex kandidati u anki Kunsilliera eletti jkollhom taħriġ obbligatorju sabiex jitnaqsu ċerti defiċjenzi u anki tiżdied l-akkontabilita' fuq ċerti deċiżjonijiet li jittieħdu.

**36.5.8 Procura+**

Il-President semma li reġgħa wasal iż-żmien biex l-Assoċjazzjoni taħllas il-membership. Semma wkoll li l-Assoċjazzjoni wriet ukoll l-intress li l-Konferenza tal-Procura+ għas-sena 2025 tinżamm ġewwa Malta.

**36.5.9 Taħriġ ta' book Keeping u Sage**

Il-President semma li wara li nġabru xi kwotazzjonijiet u li din ma kinitx faċli peress li l-kontenut ta' taħriġ irid ikun speċjalizat għall-Kunsill Lokali, jidher li hemm 3 livell ta' x' wieħed jista' jagħmel jibda mill-Foundation u jkompli għal-Livell avvanzat. Semma li dan jiġi prezz bi skont ta' EUR600 għal kull parteċipant.

Semmew li jekk ser issir dan it-taħriġ għandu jkun imirat għall-ħaddiema biss tal-Kunsilli dan peress li l-ebda membru Elett m' għandu aċċess għas-Sage tal-Kunsill. Għaldaqstant wieħed irid jikkunsidra dan kollu.

Is-Sur Charles Bonello semma li huwa m' hu kontra l-ebda taħriġ imam jemmen ukoll li r-rsponsabilita' tal-Assoċjazzjoni għandha tkun primarjament lejn il-Membru Elett. Semma li l-Assoċjazzjoni m tistax tibqa' timla vot li għadd hemm ġewwa s-sistema. Il-President semma li hemm l-obbligu li wieħed għandu jassisti lill-Kunsill b' kull mod possibbli.

Kien hemm qbil li l-Assoċjazzjoni għandha tidħol fi ftehim mal-Kunsill li jekk ħaddiema li ser jaħdmu fuq l-accounts jixtiequ jagħmlu dan it-taħriġ biex eventwalemnet jibda jsir il-Book Keeping internament, il-Kunsill ser ikun qed jiffranka l-ispejjez tal-book keeper estern u għaldaqstant iħallas għal dan it-taħriġ lill-Assoċjazzjoni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **36.5.10 Uffiċini AKL** | Il-President semma li ser jittieħdu ritratti tal-binja prmarjament il-partijiet li jistgħu jinkre bħala faċilitajiet bħal roof garden, sala u l-board room. Semma li wara ser ikun irriklament sabiex dawn jinkrew għal attivitajiet żgħar. |
| **36.5.11 School Safety** | Il-President semma li kienet saret laqgħa ma' organizazzjoni liqed tara kif rotot madwar l-iskejjel ikunu aktar siguri għall-mixi. |
| **36.5.12 Gala Night tal-Milied** | Il-President semma li din kienet suċċess. |
| **36.5.13 Collection Points** | Il-President semma li fil-jiem li ġejjien ser ikun hemm laqgħa mal-Kunsilli Lokali li kienu intressati li jaħdmu fuq proġett pilota. |
| **36.5.14 Vjal Kulħadd** | Il-President semma li l-proposti kienu rawhom kollha u anki ngħataw il-punti. |
| **36.5.15 Strateġija Reġjun Port** | Il-President semma li kien mistieden għal-laqgħa organizzata mir-Reġjun Port rigward l-istrateġija li r-Reġjun qed ifassal abbażi tal-Impatt Soċjali. Semma li filwaqt li jawgura lir-reġjun għal dak li qed jagħmel jinstab iddiżappuntat bl-attendenza tas-Sindki u Kunsilliera preżenti. |
| **36.5.16 CEMR Policy Committee** | Il-President semma li ser jintalab lil CEMR l-lista tal-Membri u l-gwida sabiex jekk hemm bżonn dawn il-Membri jew jiġu kkonfermati jew jinħatru oħrajn. |
| **36.5.17 Enemalta** | Il-President semma li jidher li l-Qrendi ser taħdem sabiex isir l-ewwel proġett fejn hemm għadd ta' residenti li qed jikkontestaw li qed issir triq ġdida u jitwaħħlu cables mal-faċċata ta' djar u qed jintalbu li Infrastruttura Malta sabiex tagħddi dawn il-cables minn taħt l-art. |
| **36.5.18 Żgumbrar ta' vetturi** | Il-President semma li mhux qed ikun hemm kooperazzjoni mill-Pulizija kollha sabiex jiġi ppubblikat l-avviż legali fil-Gazetta tal-Gvern. |
| **36.5.19 Sistema tal-ICT – AKL** | Il-President semma li s-server m' għadux jesa' l-ispazju għad-dokumenti u l-multimedia kollha li l-Assoċjazzjoni għandha u għaldaqstant, ser ikollu jsir investimet sabiex jinxtara spazju ikbar fuq iCloud sabiex ikunu jistgħu jsiru l-Backups kif suppost. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **36.5.20 Road Vegitation Committee** | Il-President semma li r-rikjesti li kienu għamlu l-operaturi tal-Open Buses sabiex jinżabru xi siġar għoljin kienu ġew miżbura u għaldaqstant ir-riskju kien naqas. |
| **36.5.21 LCA EXPO** | Il-President semma li din kienet ta' suċċess u saru 29 workshop matul il-jumejn li saru. Semma li intbgħatu ittri ta' ringrazzjament lil kull esebitur. |
| **36.5.22 Talba għal trasferiment ta' Leave għas-sena 2025** | Il-President preżenta t-talba ta' tliet ħaddiema tal-AKL sabiex vacation leave mhux utilizat matul is-sena 2024 jiġi trasferit għas-sena 2025. Semma li kollha huma konformi mal-massimu indikat fil-Ftehim Kollettiv. Għaldaqstant huwa propona li din it-talba tiġi approvata. It-talba ssekondata minn Chev Paul Farrugia kienet approvata unanimament. |
| **36.5.23 Focus Europe** | Il-President semma li lejn l-aħħar ta' Frar huwa ser jattendi għal-laqgħa ta' Focus Europe ġewwa Brussel u ser ikun ċar mar-rappreżenatnti tal-Focus Europe li l-Assoċjazzjoni mhiex ser tkun qed tħalli organizazzjonijiet jitolbu EUR2500 meta l-arranġament mal-Assoċjazzjoni kien li tħallas memebrship waħda l-AKL u jkunu jistgħu jibbenifikaw mis-servizz il-Kunsilli u r-Reġjuni. |
| **36.5.24 SEDEC** | Is-Sur Anthony Chircop onforma li r-Reġjun Lvant ser ikun qed jospita laqgħa tal-Kumitat tar-Reġjuni SEDEC nhar 17 u 18 ta' Ġunju 2025. |
| **36.5.25 AICCRE Italia** | Il-President semma li kien ġie ffirmat MoU mal-AICCRE Italia kif ukoll ma' Assoċjazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali mill-Portugal, Greċja, Spanja u Franza. |
| **36.5.26 Local Greenery** | Il-President semma li jidher li hemm skema ta' Local Greener maħruġa minn Infrastruttura Malta. |
| **36.5.27 Eko Skola** | Il-President semma li l-attivita' kienet ta' suċċess. Semma li hemm kwistjoni mal-Westin peress li jridu jiċċarġjaw mhux skond il-Purchase Order li kienet ħarġet peress li huma qed jgħidu li PO kienet inqas mill-minimum order li jistgħu joħorġu. Semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tibqa' tikkontesta l-fattura li kien hemm madwar EUR1000 differenza. Kien deċiż li jekk ikun hemm insistenza ta' ħlas din ititħallas u ma jintbgħatux aktra kwotazzjonijiet lil Westin. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **36.5.28 Rillu Merillu** | Il-President semma li kompla l-proċes mal-BDL fejn ingħataw kwotazzjonijiet sabiex jitkompla l-proġett sabiex jibdew jinkitbu l-kotba tal-qari għat-tfal tal-primarja kif ukoll tas-sekondarja. Il-Presdient semma li dawn ser jitkomplew u qegħdin fil-pjan ta' ħidma għas-snin li ġejjin. |
| **36.5.29 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li sa l-aħħar ta' Jannar 2025 il-Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali għandu jkun ffirmat. |
| **36.5.30 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għall-Laqgħa tal-Board li nżammet online. |
| **36.5.31 Creative Europe** | Il-President semma li kien infetaħ il-programm ta' fondi taħt il-kappa ta' Creative Europe. Semma li tajjeb li r-Reġjuni jippromovuh mal-Kunsilli Lokali rispettivi ħalli fondi li jistgħu jinkisbu minn dan il-fond ma jingħtawx fi skemi mir-Reġjun. |
| **36.5.32 Planning Fund** | Il-President semma li applikazzjonijiet għall-fond ta' Planning Fund irridu jiddaħħlu online mill-Perit tal-Kunsill. L-Assoċjazzjoni kkomunikat mal-Awtorita' u jidher li l-aċċess qiegħed ukoll għas-Segretarju Eżekuttiv. |
| **36.5.33 MCAST** | Il-President semma li l-AKL ser tieħu sehem fl-expo tal-MCAST li ser tinżamm f' Jannar. Semma wkoll li l-AKL ser tkompli bl-intervisti għall-apprentisti minn setturi differenti fosthom Finance, Marketing u Business Administration. |
| **36.5.34 Tribunali Lokali** | Il-President semma li LESA ser tkun qed tibgħat lir-Reġjuni kopja tal-ftehim għar-rimborż ta' Tribunali. Il-Presidenti rrimarkaw li fondi għall-ispejjeż tas-sena 2023 kienu għadhom ma waslux għand ir-Reġjun. Il-Presidenti Reġjonali saħqu li jekk dawn il-fondi ma jaslux, ir-Reġjun ser ikun kostrett li sa minn Marzu jingħalqu t-Tribunali Lokali. |
| **36.5.35 OHSA** | Is-Sur Jesmond Aquilina semma li l-AKL forsi tista' tara kif r-regolamenti l-ġodda tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol ser jimmpattaw lill-Kunsilli Lokali. |
| **36.5.36 Puttinu** | Il-President semma li nhar 26 ta' Diċembru l-AKL sertkun qed tmur Rainbo ward b' donazzjoni ta' ħelu u anki merchandise u activity books ta' Rillu Merillu. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**36.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Business Plan 2025 – 2029**

36.6.1 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella , l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**36.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Performance Appraisals għas-sena 2024**

36.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-performance appraisals tal-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Filwaqt li rrimarkat diversi punti elenkati fir-rapporti preżentati individwalment lill-ħaddiema, hija flimkien mal-President irringrazzjaw lill-ħaddiema tal-impenn tagħhom.

36.7.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, b' mod unanimu l-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni irringrazzjaw lill-ħaddiema kollha anki dawn mhux klerikali u ħaddiema ta' CIES u kien hemm qbil li kull ħaddiem jingħata l-massimu tal-performace bonus anki l-ħaddiema fi skala 16 u dak taħt l-iskema ta' CIES. Dan bħala turija t' apprezzament tal-ħidma bla waqqfien u tal-eżempju li dawn jagħtu lill-ħaddiema l-oħra fis-settur.

36.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tkun skużata sabiex l-Eżekuttiv ikun jista' jiddiskuti r-rapport tagħha.

36.7.4 Wara li s-Segretarju Eżeluttiv daħlet lura għal-laqgħa, il-President informa li bi qbil unanimu mill-Eżekuttiv kollu kien approvat il-massimu ta' 15% performance bonus għas-sena 2024.

**36.8 Festi Nazzjonali**

36.8.1 Is-Sur Jesmond Aquilina saħaq li għandu jkun osservat l-protokol mill-Aġenziji, Ministeru u kull organizzatur meta jiġu organizzati festi Nazzjonali. Is-Sur Aquilina bi qbil mal-Presidenti Reġjonai preżenti talbu li l-Assoċjazzjoni tiġbed l-attenzzjoni ta' Festivals Malta li organizzat Jum ir-Repubblika fejn il-Presidenti Reġjonali ma kienux mistiedna għall-attivitajiet uffiċjali ta' Jum ir-Repubblika filgħaxija.

36.8.2 Chev. Paul Farrugia ġibed l-attenzzjoni għad-diskors tajjeb u b' saħtu li għamlet il-President ta' Malta f' Jum ir-Repubblika. Dan ikkonfermah ukoll is-Sur Jesmond Aquilina u s-sur Anthony Chircop. Kien hemm ukoll qbil li tinbgħat ittra lill-Eċċellenza.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**36.9 Aġġornament**

36.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Ħamis, 16 ta' Jannar 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**